# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' Mejju, 2024.**

**Numru 1**

**Rikors numru 164/12/1 GM**

**Jamar Malta Limited (C-45236)**

**v.**

**Office Group Limited (C-39197)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell tal-kumpanija konvenuta Office Group Limited, kif ukoll appell inċidentali tal-kumpanija attriċi Jamar Malta Limited, minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-23 ta' Ġunju, 2020, li biha ċaħdet il-kontrotalba ta' Office Group Limited għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta' penali, filwaqt li laqgħet f'parti minnhom it-talbiet

ta' Jamar Malta  Limited. B'dik is-sentenza Office Group Limited ġiet għalhekk ikkundannata sabiex tħallas lil Jamar Malta Limited is-somma ta' €17,136.12, flimkien mal-imgħax legali mill-jum li fih ingħatat is-sentenza, sad-data ta' dak il-ħlas. Jamar Malta Limited ġiet ukoll ordnata sabiex tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fis-17 ta' Frar, 2012, Jamar Malta Limited (minn issa 'l quddiem imsejħa wkoll bħala «*Jamar*») stqarret li hija kreditriċi tal-kumpanija Office Group Limited fis-somma ta' €33,583.66. Fissret li dan l-ammont jirrappreżenta bilanċ li Office Group Limited baqgħalha tħallasha għax-xogħol ta' appalt li qabditha tagħmel.

3. Billi Jamar dehrilha li l-konvenuta ma kellhiex eċċezzjonijiet siewja x'tagħti għat-talbiet tagħha, hija talbet lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«i) Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-Artikoli 167-170 tal-Kap. 12.*
>
> *ii) Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tlieta u tletin elf, ħames mija u tlieta u tmenin ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€33,583.66).»*

4. B'nota mressqa fit-2 ta' April, 2012 (f'paġni 7 sa 9 tal-atti tal-kawża), Office Group Limited (minn issa 'l quddiem imsejħa wkoll bħala *«OGL»*) fissret li hija kellha bosta eċċezzjonijiet x'tagħti kontra l-azzjoni ta' Jamar, u għalhekk hija talbet lill-Ewwel Qorti sabiex ma taqtax il-kawża bid-

dispensa tas-smigħ u minflok tagħtiha ċ-ċans li tilqa' għall-kawża billi tressaq tweġiba maħlufa skont il-liġi.

5. B'digriet mogħti waqt is-seduta tas-17 ta' April, 2012 (f'paġna 15 tal-atti tal-kawża), l-Ewwel Qorti ddeċidiet li OGL kellha raġunijet tajbin biżżejjed li għalihom setgħet titħalla tikkontesta l-kawża, u minħabba f'hekk OGL ingħatat għoxrin jum sabiex tkun tista' tressaq it-tweġiba maħlufa tagħha.

6. Bi tweġiba maħlufa tal-4 ta' Mejju, 2012, Office Group Limited laqgħet għall-kawża billi qajmet dawn l-eċċezzjonijiet:

> *«1. Illi mhuwiex minnu illi huwa dovut mingħand is-soċjetà esponenti l-ammont ta' tlieta u tletin elf, ħames mija u tlieta u tmenin ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€33,583.66c).*
>
> *2. Illi għalkemm il-valur tal-kuntratt tal-appalt (Dok C ġa esibit man-nota tas-soċjetà esponenti tat-2 ta' April 2012) kien ta' sitta u sittin elf, seba' mija u sebgħa u sebgħin ewro u sittin ċenteżmu (€66,777.60 bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 4 tal-kuntratt tat-18 ta' Marzu 2010, is-somma pretiża mis-soċjetà rikorrenti mat-tlestija tax-xogħlijiet kienet ta' seba' u sittin elf, erba' mija u tlieta u sittin ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€67,463.91) – mil-liema is-soċjetà esponenti ħallset is-somma ta' erba' u erbgħin elf seba' mija u ħamsa u tletin ewro u sittin ċenteżmu (€44,735.60), filwaqt illi rrifjutat illi tħallas is-somma ta' tnejn u għoxrin elf , seba' mija u tmienja u għoxrin ewro u wieħed u tletin ċenteżmu (€22,728.31) għar-raġunijiet imsemmija fl-ittra legali tal-24 ta' Ġunju 2011, kopja ta' liema ġa esibita bħala (Dok B man-nota tas-soċjetà esponenti tat-2 ta' April, 2012) – liema raġunijiet huma validi u ġusti kif ser jiġi ppruvat aħjar fil-kors tal-kawża.*
>
> *3. Illi s-soċjetà rikorrenti Jamar Malta Limited intrabtet, permezz tal-kuntratt ta' appalt minnha magħmul mas-soċjetà esponenti (Dok C ġa esibit man-nota tas-soċjetà esponenti tat-2 ta' April, 2012), illi tlesti x-xogħlijiet lilha appaltati sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ġunju, 2010, ħaġa illi fil-fatt ma saritx – u konsegwentement skattaw l-effetti tal-artikolu 2 tal-ftehim imsemmi u s-soċjetà attriċi ġiet obbligata tħallas il-penali ta' mitejn u ħamsin ewro (€250) għal kull jum kalendarju ta' dewmien, b'effett mill-1 ta' Lulju 2010 għall-massimu ta' ammont li jekkwivali 15%*

*tal-valur tal-kuntratt – għal-liema, is-soċjetà intimata esponenti qed tużufruwixxi ruħha mill-Artikolu 396 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tressaq kontrotalba.*

*Għaldaqstant it-talbiet tas-soċjetà attriċi għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom.»*

7. Office Group Limited inqdiet bit-tweġiba maħlufa tagħha, biex ressqet ukoll kontrotalba. Hemmhekk hija fissret li b'kitba tat-18 ta' Marzu, 2010, Jamar intrabtet li tlesti x-xogħlijiet kollha li qabditha tagħmel sal-15 ta' Ġunju, 2010. Żiedet tgħid li fl-istess ftehim, Jamar qablet li kellha tħallasha l-penali fl-ammont ta' mitejn u ħamsin ewro (€250) għal kull jum ta' dewmien, b'effett mill-1 ta' Lulju, 2010, u dan sa massimu ta' ħmistax fil-mija (15%) tal-valur tal-kuntratt. Stqarret li bħala stat ta' fatt, Jamar damet għaddejja bix-xogħlijiet aktar tard mill-1 ta' Lulju, 2010, u fuq l-ilment li Jamar baqgħet qatt ma ressqet biex tillikwida u tħallasha l-penali għal dak id-dewmien, Office Group Limited talbet lill-Ewwel Qorti sabiex:

*«1. Tiddeċiedi u tiddikjara, salv kull dikjarazzjoni oħra opportuna, illi s-soċjetà rikonvenuta Jamar Malta Limited kienet tardiva fil-kummissjoni tagħha tax-xogħlijiet lilha appaltati mis-soċjetà mittenti ai termini tal-ftehim tat-18 ta' Marzu, 2010, u konsegwentement, is-soċjetà rikonvenuta Jamar Malta Limtied hija responsabbli għall-ħlas ta' penali ta' mitejn u ħamsin ewro (€250) għal kull jum ta' dewmien mill-1 ta' Lulju, 2010, kollox skont il-ftehim imsemmi.*

*2. Tillikwida, okkorrendo bil-ħatra ta' perit nominandi, is-somma dovuta da parti tas-soċjetà rikonvenuta Jamar Malta Limited lis-soċjetà rikonvenjenti Office Group Limited ai termini tal-ewwel talba rikonvenzjonali hawnhekk magħmula.*

*3. Tikkundanna u tordna lill-imsemmija soċjetà rikonvenuta Jamar Malta Limited sabiex tħallas lis-soċjetà rikonvenjenti s-somma li tiġi hekk likwidata ai termini tat-talbiet hawn fuq magħmula.*

*Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali kontra s-soċjetà rikonvenuta Jamar Malta Limited, illi hija minn issa inġunta għas-subizzjoni.»*

8. Min-naħa tagħha, Jamar Malta Limited laqgħet għall-kontrotalba ta' Office Group Limited, billi bi tweġiba maħlufa mressqa fit-2 ta' Lulju, 2012, hija qajmet eċċezzjoni waħda li taqra kif ġej:

> *«Illi d-dewmien ma' kienx nuqqas tas-soċjetà attriċi però tas-soċjetà konvenuta stess meta din biddlet ix-xogħlijiet ordnati wara li ġie ffirmat il-kuntratt inkwistjoni b'tali mod li kellu jerġa' jsir l-ippjanar tax-xogħol kollu mil-ġdid u dan kif ser jirriżulta waqt is-smigħ u t-trattazzjoni ta' din il-kawża.»*

9. B'sentenza mogħtija fit-23 ta' Ġunju, 2020, l-Ewwel Qorti qatgħet il-kawża billi: (i) ċaħdet il-kontrotalba ta' Office Group Limited; (ii) ikkonkludiet li l-bilanċ li Office Group Limited kellha tħallas lil Jamar Malta Limited kien fl-ammont ta' €17,136.12, b'żieda tal-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas; u (iii) fl-aħħar nett ikkundannat lil Office Group Limited sabiex tħallas lil Jamar Malta Limited dak l-ammont, flimkien mal-ispejjeż kollha tal-kawża.

10. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti għal din id-deċiżjoni kienu dawn:

> *«Illi t-tilwima li tat lok għal din il-kawża twieldet minn kuntratt ta' appalt konsistenti fil-konsenja u istallazzjoni ta' ħġieġ u railings għat-turġien mill-attriċi fuq inkarigu tal-konvenuta fil-kumpless kummerċjali tagħha fi Triq Notabile kantuniera ma' Triq l-Imdina, Fleur de Lys;*
>
> *Il-Perit Tekniku ħa qies ta' xogħlijiet extra li ma kinux fil-ftehim oriġinali tal-appalt, ta' spejjeż żejda li saru minħabba tibdil mhux maħsub fil-post,*
>
> *Illi l-Perit Tekniku kkonkluda li x-xogħol magħmul mill-attriċi jiswa €103.286.98 (fol 152). Abbażi tal-prezzijiet li l-periti addizzjonali kkonkludew li għandhom japplikaw, wara li rrivedew il-pożizzjoni oriġinali tagħhom in vista d-domandi in eskussjoni, il-Qorti tikkalkula li x-xogħol eżegwit mill-attriċi jiswa €104,035.38. Għal fini ta' kjarezza l-Qorti qiegħda tirriproduċi t-tabella redatta mill-AIC Alan Saliba li turi l-*

*kontijiet skont l-attriċi, skont l-intimata u skont il-perit tekniku, u magħhom żiedet il-kont kif joħroġ mill-konklużjonijiet tal-periti addizzjonali kif ukoll ta' din il-Qorti in vista tat-tweġibiet tagħhom in eskussjoni:*

| *Nru* | *Deskrizzjoni* | *Kont Attriċi* | *Kont Konvenuta* | *Kont Perit Tekniku* | *Kont Periti Perizjuri* | *Kont Wara Eskussjoni* |
|---|---|---|---|---|---|---|
| *1* | *Blended glass facade* | *32,104.50* | *31,562.50* | *32,104.50* | *31,562.50* | *31,562.50* |
| *2* | *Above door glass* | *3,631.03* | *3,631.03* | *3,631.03* | *3,631.03* | *3,631.03* |
| *3* | *3 floors railing* | *8,847.54* | *8,139.74* | *8,847.54* | *8,847.54* | *8,847.54* |
| *4* | *Basement stairs* | *10,474.00* | *6,500.00* | *8,474.00* | *9,474.00* | *9,474.00* |
| *5* | *Main door* | *1,675.00* | *1,675.00* | *1,675.00* | *1,675.00* | *1,675.00* |
| *6* | *Roof glass room* | *8,418.06* | *7,929.00* | *8,173.58* | *8,418.16* | *8,418.16* |
| *7* | *Roof railing* | *3,417.89* | *3,417.89* | *3,417.89* | *3,417.89* | *3,417.89* |
| *8* | *Entrance railing* | *10,763.00* | *10,763.00* | *10,763.00* | *10,763.00* | *10,763.00* |
| *9* | *Bulk heads* | *9,199.02* | *9,199.02* | *9,199.02* | *0.00* | *9,199.02* |
| *10* | *Covers for façade brackets* | *450.00* | *0.00* | *0.00* | *0.00* | *0.00* |
| *11* | *Covers for lift buttons* | *139.00* | *139.00* | *139.00* | *139.00* | *139.00* |
| *12* | *Hollow sections* | *602.00* | *602.00* | *602.00* | *602.00* | *602.00* |
| *13* | *Gates installation* | *128.00* | *128.00* | *128.00* | *128.00* | *128.00* |
| *14* | *Glass façade ends* | *2,706* | *0.00* | *0.00* | *0.00* | *0.00* |
| *15* | *Above door bulkhead* | *2,398.00* | *0.00* | *0.00* | *0.00* | *1,199.00* |
| *16* | *Main door auto closer* | *352.93* | *0.00* | *352.93* | *0.00* | *0.00* |
| *17* | *Hollow sections around door* | *998.00* | *0.00* | *998.00* | *0.00* | *0.00* |
| | *subtotal* | | | | | *89,056.14* |
| | *18% VAT* | | | | | *16,030.10* |
| | *subtotal* | | | | | *105,086.25* |
| | *1%skont* | | | | | |
| | *Total* | | | | | *104,035.38* |

*Il-partijiet jaqblu li sar ħlas akkont ta' €84,899.27 (ara fol. 136) u €2,000 f'barter. Għalhekk €104,035.38 - €86,899.27 = €17,136.12 bilanċ dovut.*

*Illi l-Perit Legali (para 4.80 a fol 147) ikkonkluda li l-konvenuta ma ressqitx prova dwar €1,180 valur ta' ħsarat allegatament ikkawżati mill-attriċi. Billi ma ġew allegati l-ebda ħsarat mill-konvenuta, il-Qorti ma tistax, ancorché kellhom jirriżultaw, tieħu konjizzjoni tagħhom;*

*Illi l-Perit Tekniku (para 7.03 tal-rapport tiegħu a fol 152) ikkonkluda li x-xogħol ma tlestiex fiż-żmien stipulat minħabba: (i) żieda fix-xogħlijiet mill-konvenuta; (ii) tibdil fl-established floor level mill-konvenuta wara li l-attriċi kienet ħadet il-kejl għall-ordni; (iii) żball li minħabba fih il-pilastri tal-ħġieġ kellhom jinqalgħu u jerġgħu jiġu installati mill-ġdid; u (iv) diskrepanzi fil-bini li kellhom jiġu kkoreġuti; (v) l-attriċi kellha tistenna kuntratturi oħrajn imqabbda mill-konvenuta biex ilestu xogħolhom. Għalhekk ma jirriżultax li d-dewmien kien ħtija tal-attriċi;»*

11. Office Group Limited appellat minn din is-sentenza b'rikors tad-9 ta' Lulju, 2020, u hemmhekk hija talbet lil din il-Qorti tal-Appell sabiex fl-ewwel lok, issib li s-sentenza appellata ma tiswiex għar-raġuni li hija nieqsa mill-grad ta' motivazzjoni mitluba mil-liġi. Fuq is-saħħa ta' hekk, hija talbet li s-sentenza appellata għandha tiġi mħassra u li l-atti tal-kawża jerġgħu jintbagħtu lura lill-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi l-kontrotalba tagħha skont il-liġi. Fit-tieni lok, u bla ħsara għal dan, Office Group Limited, talbet lil din il-Qorti sabiex tibdel is-sentenza appellata billi tħassarha f'dik il-parti li fiha l-Ewwel Qorti ċaħdet il-kontrotalba tagħha, u minflok tilqa' dik il-kontrotalba għalkollox, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjoni ta' Jamar għal dik il-kontrotalba. Talbet ukoll li tiġi mħallsa għall-ispejjeż, kemm tal-proċedura tal-appell, kif ukoll dawk ta' quddiem il-Qorti tal-ewwel grad.

12. Bi tweġiba mressqa fit-3 ta' Awwissu, 2020, Jamar Malta Limited tat ir-raġunijiet tagħha għalfejn l-appell ta' Office Group Limited għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż.

13. Jamar Malta Limited inqdiet bl-istess tweġiba tat-3 ta' Awwissu, 2020, biex ressqet ukoll appell inċidentali. F'dak l-appell, Jamar talbet lil din il-Qorti tal-Appell sabiex tikkonferma s-sentenza appellata sa fejn ġiet miċħuda l-kontrotalba ta' Office Group Limited, filwaqt li tibdilha fil-bqija billi: (i) tikkundanna lil Office Group Limited tħallasha ammont ogħla minn dak likwidat mill-Ewwel Qorti; u (ii) tikkundanna lil Office Group Limited sabiex tħallasha l-imgħaxijiet mill-jum tal-20 ta' Marzu 2011, jew inkella minn jum ieħor li jiġi qabel id-data tas-sentenza appellata, flimkien mal-ispejjeż kollha tal-kawża.

14. Min-naħa tagħha, Office Group Limited ressqet ir-raġunijiet tagħha għalfejn l-appell inċidentali ta' Jamar Malta Limited għandu jiġi miċħud bi tweġiba li ressqet fl-20 ta' Awwissu, 2020.

15. Inżamm smigħ fil-15 ta' Frar, 2024, li għalih dehru l-avukati tal-partijiet u minn hemmhekk l-appell tħalla għas-sentenza għal-lum.

**Konsiderazzjonijiet:**

16. Kif jixhdu anke t-talbiet finali tal-appell ewlieni, kif ukoll dawk tal-

appell inċidentali, kemm OGL, kif ukoll Jamar qegħdin iressqu żewġ aggravji kull wieħed mis-sentenza appellata.

17. Fl-appell ewlieni, OGL qiegħda qabel xejn tikkontesta s-siwi tas-tas-sentenza appellata, billi skontha, hija milquta minn difett għaliex mhijiex motivata skont il-liġi. Fit-tieni aggravju, OGL qiegħda mbagħad tilmenta li, f'kull każ, l-Ewwel Qorti ma kellhiex tiċħdilha l-kontrotalba tagħha dwar il-ħlas tal-penali għad-dewmien fit-twettiq tal-appalt li wassal għal din it-tilwima.

18. Fuq ix-xaqliba l-oħra, fl-ewwel aggravju tal-appell inċidentali, Jamar qiegħda targumenta li l-Ewwel Qorti kellha tikkundanna lil OGL sabiex tħallasha ammont akbar minn dak ta' €17,136.12. Fit-tieni aggravju, Jamar tixħet imbagħad ħarsitha fuq id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti sa fejn għandhom x'jaqsmu l-imgħaxijiet, u targumenta li dawn għandhom jibdew jgħaddu mill-jum tal-20 ta' Marzu, 2011, jew inkella minn tal-inqas mill-jum li fih hija ressqet il-kawża.

19. Nibdew bl-**ewwel aggravju tal-appell ewlieni**, li fih OGL qiegħda tqajjem l-argument li s-sentenza appellata ma tiswiex billi mhijiex motivata skont il-liġi.

20. OGL titlaq billi tosserva li fis-sentenza appellata hemm biss

paragrafu wieħed bħala konsiderazzjonijiet dwar il-kontrotalba tagħha għall-ħlas tal-penali. Tilmenta li dak il-paragrafu jikkonsisti f'sempliċi riproduzzjoni tal-konklużjonijiet fattwali tal-perit tekniku, li tqishom bħala xotti minn kull xorta ta' evalwazzjoni fattwali u nieqsa għalkollox minn dawk il-konsiderazzjonijiet ta' sura legali dwar il-punti ta' dritt, li fi kliemha tqajmu b'ċertu dettall fin-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

21. F'dan l-isfond, tfakkar li l-inkarigu tal-perit tekniku kien limitat biss għal tiftix ta' sura fattwali dwar ir-*«raġunijiet jekk kien hemm, għaliex ix-xogħol spiċċa meta spiċċa»* u tisħaq li l-perit ma daħalx fil-kwistjoni legali dwar jekk il-penali humiex tabilħaqq dovuti jew le.

22. Sabiex issostni dak li qiegħda tgħid, tirreferi għall-eskussjoni tal-perit tekniku u tgħid li hemmhekk huwa għamilha ċara li ma kienx wettaq xi stħarriġ legali dwar il-mertu tal-kontrotalba tagħha. B'żieda ma' dan, tosserva li l-istess perit kien stqarrilha li huwa ma kienx ħa qies tal-fatt li f'Awwissu tas-sena 2010, hija kienet għarrfet lil Jamar li bdiet timponilha l-penali skont kif miftiehem, u dan għar-raġuni li skont il-perit tekniku, dik l-osservazzjoni kienet tmur lil hemm mill-inkarigu tiegħu.

23. OGL tinsisti li f'ċirkostanzi bħal dawn, l-Ewwel Qorti kienet mistennija li tistħarreġ hija stess il-kwistjonijiet legali li tqajmu mill-partijiet dwar il-mertu tal-kontrotalba tagħha. Tagħmel ukoll xi referenza għall-

ġurisprudenza dwar l-importanza li d-deċiżjonijiet tal-Qrati jkunu motivati, u filwaqt li tisħaq li s-sentenza appellata hija nieqsa minn dawk il-motivazzjonijiet, tikkonkludi li s-sentenza hija *«nulla u vizzjata».*

24. Meqjus dan kollu, il-Qorti titlaq billi taqbel fil-prinċipju mal-argument ta' OGL, li fin-nuqqas ta' motivazzjoni, sentenza jew provvediment għandhom jitqiesu bħala difettużi u bla siwi.

25. Tassew, hija l-liġi stess, li fl-**Artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, titlob li f'kull sentenza, il-qrati għandhom, fost affarijiet oħrajn, ifissru r-raġunijiet li għalihom ikunu sejsu l-ġudizzju tagħhom.

26. Fuq kollox, il-ħtieġa li kull sentenza jew provvediment tal-qrati jkunu motivati tirrifletti wieħed mill-prinċipji ewlenin tal-ġustizzja naturali, *viz*. li meta tingħata deċiżjoni, għandha tirriżulta r-raġuni l-għala tkun ingħatat dik id-deċiżjoni u mhux oħra (ara ***Salvina magħrufa bħala Sylvia Bugeja v. Albert Debono et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Settembru, 2019 u ***Carmelo sive Charles Muscat Nomine v. Wilfred Camilleri et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Novembru, 2006).

27. Il-motivazzjoni xierqa ta' sentenza hija għalhekk meqjusa bħala wieħed mill-elementi ewlenin li jiddeterminaw is-siwi ta' dik id-deċiżjoni

(ara ***Simon Bezzina et v. Le Beau Champs Limited et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju, 2019 u ***Joseph Sammut et v. Carmelo sive Charles Scerri et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020).

28. Mill-banda l-oħra, huwa però mifhum u aċċettat li biex sentenza titqies motivata b'mod xieraq, mhuwiex meħtieġ għall-Qorti li toqgħod issemmi b'reqqa l-argumenti li jitressqu mill-partijiet fis-sottomissjonijiet tagħhom, jew inkella li toqgħod tirreferi għal kull prova li tkun tressqet fl-atti tal-kawża (ara ***John Zerafa et v. Romeo Zahra et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Lulju, 2017 u ***Michael Farrugia v. Alexander Galea*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Lulju, 2010).

29. Huwa daqstant ieħor magħruf sewwa fil-ġurisprudenza, li fl-istħarriġ tagħha dwar jekk sentenza tkunx motivata kif imiss jew le, dak li jgħodd mhuwiex in-numru ta' paragrafi li jitniżżlu bħala konsiderazzjonijiet (ara ***Michael Farrugia v. Alexander Galea*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Lulju, 2010 u ***Frank P Borg Limited v. Joseph Camilleri*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell, fit-28 ta' Mejju, 2010).

30. Minflok, dak li jħoll u jorbot kollox huwa, jekk minn qari tas-sentenza, wieħed ikunx jista' jislet dawk ir-raġunijiet li għalihom il-Qorti tkun wasslet għax-xorta ta' deċiżjoni li tkun tat (ara ***Inġinier Joseph***

***Bajada v. Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar, 2021 u ***Joe Bonello v. Paul Farrugia et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Diċembru, 2005).

31. Sakemm wieħed ikun jista' jifhem għalfejn il-Qorti tkun waslet għal ċertu konklużjoni u mhux oħra, dik is-sentenza għandha għalhekk titqies li tkun motivata, u dan irrispettivament minn jekk dawk ir-raġunijiet ikunux tajbin jew inkella biżżejjed biex il-Qorti setgħet tasal għad-deċiżjoni li tkun waslet għaliha (ara ***Albert Cassar et v. Il-Prim Ministru et*** mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-4 ta' Mejju, 2022).

32. Bit-tħaddim ta' dawn il-prinċipji għax-xorta ta' ilmenti li qegħdin jitressqu fl-ewwel aggravju tal-appell ewlieni, il-Qorti jidhrilha li l-ewwel aggravju ta' Office Group Limited mhuwiex mistħoqq.

33. Minn ħarsa lejn il-konsiderazzjonijiet tas-sentenza appellata joħroġ biċ-ċar li r-raġuni ewlenija li għaliha l-Ewwel Qorti dehrilha li OGL ma kellhiex il-jedd li titlob il-ħlas tal-penali għad-dewmien, kienet propju għaliex ikkonkludiet li dak id-dewmien ma kienx bi ħtija tal-kumpanija attriċi.

34. Jirriżulta wkoll li l-Ewwel Qorti ma qabditx u fajret dik il-konklużjoni minn żniedha jew inkella ma tat l-ebda spjegazzjoni għalfejn iddeċidiet

hekk. Kemm hu hekk, fl-aħħar paragrafu ta' qabel il-parti dispożittiva tas-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti fissret li hija waslet għal dik ix-xorta ta' konklużjoni wara li rat x'kienu l-konklużjonijiet tal-perit tekniku dwar dik il-parti tal-inkarigu tiegħu, li fiha kellu jsib *«x'kienu r-raġunijiet jekk kien hemm għaliex ix-xogħol spiċċa meta spiċċa»* (ara l-verbal tad-9 ta' Lulju, 2012, f'paġna 26 tal-atti tal-kawża, kif ukoll paragrafu 7.03 tal-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku Alan Saliba, f'paġna 152 tal-atti tal-kawża).

35. Irrispettivament minn jekk l-Ewwel Qorti kellhiex raġun jew le li tistrieħ fuq l-osservazzjonijiet tal-perit tekniku, jew inkella jekk dawk ir-raġunijiet kellhomx ikunu meqjusa bħala tajbin biżżejjed biex iwassluha għall-konklużjoni li Jamar ma kellha l-ebda ħtija għad-dewmien, jibqa' xorta waħda l-fatt li minn ħarsa lejn is-sentenza appellata jirriżuta li OGL setgħet tifhem sewwa x'kienet ir-raġuni li għaliha l-Ewwel Qorti ċaħditilha l-kontrotalba tagħha.

36. Bħala stat ta' fatt, jidher ukoll li OGL fehmet sewwa għalfejn il-kontrotalba tagħha ġiet miċħuda. Tant hu hekk, li fit-tieni aggravju, OGL ressqet aggravju motivat li fih qiegħda tattakka d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fil-mertu u dan sa fejn għandha x'taqsam iċ-ċaħda tal-kontrotalba tagħha. Naturalment, li kieku s-sentenza appellata ma kinitx motivata, hija ma kienet qatt ser tkun f'qagħda li tressaq dak ix-xorta ta' aggravju.

37. B'żieda ma' dan, il-Qorti lanqas ma tara xejn ħażin fil-fatt li l-Ewwel Qorti qagħdet għalkollox fuq il-konklużjonijiet fattwali tal-perit tekniku biex minn hemmhekk waslet għad-deċiżjoni li d-dewmien fit-twettiq tax-xogħlijiet ma kienx bi ħtija tal-kumpanija attriċi. Hija fid-diskrezzjoni assoluta tal-qorti li tagħżel fuq liema provi għandha ssejjes il-ġudizzju tagħha (ara ***Carmela Galea v. LIDL Malta Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Diċembru, 2021) u ġaladarba r-rapport ta' perit tekniku jiswa daqs kull prova oħra (ara ***Judith Nicola Portelli v. Michael Angelo Cordina*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar, 2021), l-Ewwel Qorti kellha kull jedd li tislet il-konklużjonijiet tagħha minn dak ir-rapport dwar jekk Jamar kellhiex terfa' xi responsabbiltà għad-dewmien fit-twettiq tal-appalt jew le.

38. Huwa tabilħaqq magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li jekk minn qari ta' sentenza jkun jidher li l-Qorti tkun għamlet stħarriġ tal-kwistjonijiet rilevanti, imqar jekk tkun straħet ħafna fuq ir-rapporti tal-esperti tekniċi bla ma żżid xejn, dan ma jwassalx biex is-sentenza mogħtija tkun milquta min-nullità (ara ***Louis Bonnici v Maria Magdala Sultana*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar, 2021 u ***Medrock Development Company Limited v. Carmel sive Charles Cassar et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Settembru, 2019).

39. Biex ikun ingħad kollox, il-Qorti hija wkoll tal-fehma li OGL lanqas m'għandha raġun meta qiegħda tippretendi li l-Ewwel Qorti kellha tidħol fil-kwistjonijiet legali li qiegħda tirreferi għalihom fir-rikors tal-appell. Ġaladarba tajjeb jew ħażin, l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li l-kumpanija attriċi ma kellhiex ħtija għad-dewmien, kien ikun kollu ta' xejn għall-Ewwel Qorti li toqgħod tidħol f'dawk il-kwistjonijiet. Tassew, il-konklużjoni fattwali dwar in-nuqqas ta' ħtija għad-dewmien min-naħa ta' Jamar ġabet magħha l-konsegwenza li OGL tilfet il-jedd li titlob mingħand Jamar il-ħlas ta' dawk il-penali (ara f'dan is-sens is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Pierre Abela v. Joseph Depares*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2007).

40. Tħares minn fejn tħares, l-ewwel aggravju tal-appell ewlieni mhuwiex għalhekk mistħoqq, u għal dawn ir-raġunijiet kollha qiegħed jiġi miċħud.

41. Kif għedna aktar kmieni, fit-**tieni aggravju tal-appell ewlieni**, Office Group Limited qiegħda mbagħad tattakka d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti sa fejn ċaħdet il-kontrotalba tagħha dwar il-ħlas tal-penali.

42. F'dan ir-rigward, OGL ittenni li fid-deċiżjoni tagħha dwar il-kontrotalba, l-Ewwel Qorti qabdet u sempliċement irriproduċiet ir-raġunijiet li skont il-perit tekniku wasslu biex ix-xogħol tlesta tard, u dan

mingħajr biss ma għarblet il-fatti tal-każ. Tgħid li mir-rapport tal-Perit Tekniku Alan Saliba ma tirriżulta l-ebda konklużjoni dwar min kellu jġorr il-ħtija għad-dewmien fit-tlestija tax-xogħlijiet, u tosserva li mill-istess rapport lanqas ma jirriżulta jekk il-klawsola tal-penali kif imniżżla fil-kuntratt tat-18 ta' Marzu, 2010 kellhiex tiġi mħaddma jew le.

43. Tissokta billi targumenta li kieku l-Ewwel Qorti wiżnet sewwa l-fatti tal-każ, hija kienet tasal għall-konklużjoni differenti minn dik li waslet għaliha. Sabiex issostni dan, OGL tressaq imbagħad għadd ta' raġunijiet biex tfisser għalfejn l-osservazzjonijiet tal-perit tekniku ma kellhomx iwasslu lill-Ewwel Qorti biex issib li d-dewmien ma' kienx bi ħtija ta' Jamar.

44. Pereżempju, dwar iż-żieda fix-xogħlijiet, filwaqt li OGL tistqarr li tassew kien hemm żieda fix-xogħlijiet, hija targumenta li dik iż-żieda saret f'biċċa fuq suġġerimenti ta' Jamar stess, u bil-patt u l-kundizzjoni li t-terminu miftiehem ma kellux jiġi mtawwal. Tispeċifika li kien ir-rappreżentant ta' Jamar stess li kien issuġġerixxa li l-ħġieġ isir tat-tip *bended glass* minflok b'pannelli dritti, kif kien oriġinarjament maħsub, u tisħaq li dak ir-rappreżentant ta' Jamar kien wiegħed ukoll lill-prinċipal tax-xogħlijiet tagħha, li t-tali bidla ma kellhiex twassal għal xi dewmien partikolari jew tiġbid tat-terminu li fih kellhom jitlestew ix-xogħlijiet.

45. Sa fejn għandu x'jaqsam mal-iżball li wassal biex il-pilastri tal-ħġieġ

jinqalgħu u jerġgħu jitpoġġew mill-ġdid, targumenta li dan kien żball ta' Jamar stess u ta' ħadd aktar. Tisħaq li dan il-fatt ġie wara kollox mistqarr minn Jason Mifsud quddiem il-perit tekniku u tosserva li l-perit tekniku stess ħa nota ta' dan, f'paġna 25 tar-rapport tiegħu.

46. Dwar ix-xogħlijiet ta' tiswija li kellhom isiru minn Jamar minħabba xi diskrepanzi fil-bini, Office Group Limited targumenta li ma jirriżulta minn imkien li hija tat xi struzzjonijiet lil Jamar biex twettaq dawk ix-xogħlijiet. Tgħid ukoll li lanqas ma jirriżulta fiex kien jikkonsisti dak ix-xogħol u tisħaq li dak ix-xogħol lanqas ma seta' jfixkel it-twettiq tal-proġett għalkollox.

47. B'referenza għall-osservazzjoni tal-perit tekniku, li l-kumpanija attriċi kellha tistenna xi kuntratturi oħrajn biex ilestu xogħolhom, Office Group Limited tirreferi għall-eskussjoni tal-perit tekniku, u ttenni li hemmhekk huwa kkonferma kif din ir-raġuni lanqas ma setgħet waħħlet ix-xogħol għalkollox għaliex f'waqtiet bħal dawk, Jamar kienet taħdem fuq partijiet oħra sakemm il-kuntratturi kienu jlestu xogħolhom.

48. B'żieda ma' dan, tilmenta li l-Ewwel Qorti lanqas biss ma qieset il-fatt li l-partijiet qatt ma ftehmu li jtawwlu t-terminu tat-twettiq tal-kuntratt, jew inkella għamlu xi tibdiliet fil-kuntratt ta' bejniethom. Tgħid ukoll li l-Ewwel Qorti lanqas ma tat kas li Jason Mifsud, li kien il-persuna li kkuntratta l-appalt f'isem Jamar, għamel ukoll perjodu sostanzjali nieqes

minn fuq is-sit tax-xogħol.

49. Meqjus li dan l-aggravju jdur sewwasew mal-kwistjoni dwar it-talba ta' OGL għall-ħlas ta' penali minħabba d-dewmien fit-twettiq ta' obbligazzjoni, il-Qorti titlaq billi tfakkar, li fiha nfisha, il-klawsola tal-penali hija għamla ta' danni prelikwidati li biha l-kreditur ta' obbligazzjoni jkun jista' jistrieħ biss fuq il-fatt li d-debitur ta' dik l-istess obbligazzjoni ma jkunx wettaq fil-ħin dak li jkun intrabat li jagħmel (ara b'eżempju ***Charles Catania et v. Thomas Abela et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 2018).

50. Huwa mifhum li f'każijiet ta' din ix-xorta, il-kreditur tal-obbligazzjoni m'għandux il-ħtieġa li jipprova li ġarrab xi ħsara minħabba d-dewmien fit-twettiq tal-obbligazzjoni. Minflok, huwa biżżejjed għal dak il-kreditur li jġib prova: (i) tal-ftehim li bih id-debitur tal-obbligazzjoni jkun intrabat miegħu li jħallas il-penali f'każ li jonqos milli jwettaq l-obbligazzjoni sa ċertu terminu; u (ii) tal-fatt li d-debitur ikun naqas milli jwettaq l-obbligazzjoni saż-żmien maqbul bejn il-partijiet (ara f'dan is-sens ***Doreen Galea Souchet v. Joseph Farrugia pro et noe*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2023).

51. F'dan il-każ, OGL irnexxilha tipprova dan kollu billi ressqet kopja tal-ftehim tat-18 ta' Marzu, 2010 (ara Dok Ċ, f'paġni 12 sa 14 tal-atti tal-

kawża), kif ukoll uriet li x-xogħlijiet ma kinux lesti saż-żmien imsemmi f'dak il-kuntratt.

52. B'daqshekk ma jfissirx però li OGL hija awtomatikament intitolata għall-ħlas tal-penali.

53. Tassew, ir-responsabbiltà tad-debitur tal-obbligazzjoni li jagħmel tajjeb għad-dewmien fit-twettiq ta' obbligazzjoni bil-ħlas tal-penali mhijiex xi waħda assoluta, anzi tiddependi minn jekk dak id-debitur jirnexxilux juri li kien hemm xi raġuni li għaliha għandu jinħeles mill-ħlas ta' dik il-penali (ara ***Assoċjazzjoni GS1 Malta v. George Cini noe*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru, 2010 u ***Mark Calleja Urry et v. Joseph Portelli et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar, 2011).

54. Huwa tabilħaqq mgħallem u aċċettat fil-ġurisprudenza, li biex id-debitur tal-obbligazzjoni jinħall mill-mażra tal-klawsola tal-penali għad-dewmien, huwa għandu juri li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni fiż-żmien miftiehem kienet il-konsegwenza diretta ta' xi ħaġa barranija li huwa ma jkollux ħtija għaliha (ara ***James L. Hawkins v. Seasus Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Jannar, 2024). Eżempju klassiku ta' dan huwa meta waqt it-twettiq tal-kuntratt ikun hemm żieda sostanzjali fix-xogħlijiet, jew inkella meta d-dewmien ikun bi ħtija tal-kreditur tal-

obbligazzjoni stess (ara b'eżempju ***Pierre Abela v. Joseph Depares*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2007).

55. Fil-każ tagħna Jamar laqgħet għall-kontrotalba ta' OGL billi qajmet l-eċċezzjoni li d-dewmien fit-tlestija tax-xogħlijiet ma kienx bi ħtija tagħha, anzi bi ħtija ta' OGL stess.

56. Minn qari tas-sentenza appellata, jidher imbagħad li l-Ewwel Qorti sabet li l-eċċezzjoni ta' Jamar kienet mistħoqqa, u dan wara li rat x'kienu dawk ir-raġunijiet li skont il-Perit Tekniku Alan Saliba wasslu biex ix-xogħol dam biex tlesta.

57. Min-naħa tagħha OGL qiegħda tisħaq li l-osservazzjonijiet tal-perit tekniku ma kellhomx iwasslu lill-Ewwel Qorti għal dik il-konklużjoni, u fit-tieni aggravju hija qiegħda tagħti għadd ta' raġunijiet biex tfisser kif u għalfejn ir-raġunijiet mogħtija mill-perit tekniku ma kellhomx iwasslu lill-Ewwel Qorti biex tikkonkludi li d-dewmien fit-twettiq tax-xogħlijiet ma kienx bi ħtija ta' Jamar.

58. Fil-fehma tal-Qorti, l-ilmenti ta' OGL mhumiex fejjieda, u dan għaliex mill-ħames raġunijiet li ngħataw mill-perit tekniku, Jamar għandha x'taħti għal waħda minnhom biss, u sewwasew dik dwar l-iżball li sar fl-installazzjoni ta' xi pilastri li kellhom jinqalgħu u jitwaħħlu mill-ġdid.

59. Kif qiegħda tgħid sewwa Jamar fit-tweġiba għall-appell ewlieni, jirriżulta però li l-iżball imsemmi ma kienx xi wieħed li seta' waqqa lura x-xogħol b'mod sinjifikanti. Tassew, waqt il-kontroeżami, Jason Mifsud, li huwa r-rappreżentant legali ta' Jamar, fisser li x-xorta ta' żball fit-twaħħil tal-pilastri seta' ħa biss madwar ġurnata xogħol biex ġie msewwi (ara l-kontroeżami ta' Jason Mifsud f'paġna 278 tal-atti tal-kawża). Min-naħa tagħha, OGL ma ressqet l-ebda prova li biha waqqgħet dak li qal Jason Mifsud, u fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti jidhrilha li d-dewmien li seta' kkaġuna l-iżball li qiegħda tirreferi għalih OGL huwa immaterjali meta meqjus fil-kuntest tal-bqija tar-raġunijiet li skont il-perit tekniku wasslu għad-dewmien fit-tlestija tax-xogħlijiet.

60. Fis-sewwa, mill-konklużjonijiet tar-rapport tal-Perit Tekniku Alan Saliba jirriżulta biċ-ċar li r-raġuni ewlenija wara d-dewmien fit-tlestija tax-xogħlijiet kienet minħabba ż-żieda qawwija fil-volum tax-xogħlijiet li Jamar tqabbdet tagħmel wara li ffirmat il-kuntratt tat-18 ta' Marzu, 2010.

61. Għalkemm anke hawnhekk OGL qiegħda tipprova twaddab il-ħtija dwar dan fuq Jamar, u dan billi targumenta li l-bidla minn ħġieġ lixx għal dak fit-tond, saret fuq suġġeriment tar-rappreżentant ta' Jamar stess, mill-provi jirriżulta li dak is-suġġeriment kien limitat għall-parti ta' fuq tal-faċċatta tal-istabbiliment tagħha u mhux għall-faċċata kollha (ara r-raba'

paragrafu tal-affidavit ta’ Raymond Micallef, f’paġna 232 tal-atti tal-kawża).

62. Sa fejn imbagħad OGL qiegħda tisħaq li l-bidla minn ħġieġ lixx għall-ħġieġ fit-tond saret bil-patt u bil-kundizzjoni li t-terminu miftiehem ma kellux jiġi mtawwal, il-Qorti rat li x-xhieda ta’ Raymond (Ramon) Micallef (li qiegħda tistrieħ fuqha OGL) ġiet meruta minn Jason Mifsud, li ta verżjoni li hija pjuttost bil-maqlub minn dik li ngħatat minn Micallef.

63. Tassew, kemm meta xehed bil-mezz tal-affidavit kif ukoll waqt li kien qiegħed jiġi kontroeżaminat, Jason Mifsud fisser li huwa kien wissa lil OGL li t-tibdiliet għall-ħġieġ fit-tond kienu tabilħaqq sejrin isarrfu fi żmien itwal sabiex ikunu jistgħu jitlestew ix-xogħlijiet (ara l-affidavit ta’ Jason Mifsud, ‘Dok JML01, f’paġni 70 u 71 tal-atti tal-kawża, u l-kontroeżami tal-istess xhud f’paġna 276 tal-atti tal-kawża).

64. Għal din il-Qorti, il-verżjoni ta’ Jason Mifsud hija aktar kredibbli minn dik ta’ Raymond Micallef u dan għaliex minbarra li hija l-aktar waħda verosimili, hija fuq kollox imsaħħa b’korrispondenza bil-miktub li għaddiet bejn dawn iż-żewġ xhieda fi żmien li fih kienu qegħdin isiru x-xogħlijiet.

65. Kemm hu hekk, minn kopja ta’ *email* li ntbagħtet minn Jason Mifsud lil Ramon Micallef fil-jum tad-29 ta’ Mejju, 2010, jidher li huwa u jagħti

rendikont lil Micallef dwar il-progress tax-xogħlijiet, Mifsud fakkar lill-istess Micallef li, ***«__[a]s I advise you before__ bended glass will take more time to produce, and we have to appreciate that there is a complicated process*»** [*sic*] (ara Dok I, f'paġna 79 tal-atti tal-kawża).

66. Filwaqt li dan il-fatt tal-aħħar jagħti aktar saħħa lill-verżjoni ta' Mifsud minn dik ta' Micallef, fl-aħħar mill-aħħar, il-Qorti rat ukoll li waqt li kien qiegħed jiġi kontroeżaminat dwar il-kontenut tal-korrispondenza li għadha kif issir referenza għaliha, ix-xhud Jason Mifsud fisser li Ramon Micallef ma kienx wieġbu lura għal dik l-*email*, u dan għaliex fi kliemu, Micallef kellu l-ħabta li ma jirrispondihx lura *«meta ma jkunx jaqbillu»* (ara l-kontroeżami ta' Mifsud f'paġna 279 tal-atti tal-kawża). Min-naħa tagħha, OGL ma wrietx li Mifsud ma kienx qiegħed jgħid il-verità, u fiċ-ċirkostanzi l-Qorti jidhrilha li kieku l-affarijiet kienu bil-mod ta' kif fissirhom Raymond Micallef, dan kien jaqbad u jmeri lil Mifsud minnufih u mhux joqgħod jistenna sakemm kellha titressaq din il-kawża biex jagħti verżjoni li ma taqbilx ma' dik ta' Mifsud.

67. F'kull każ, il-Qorti rat ukoll li l-bidla fit-tip ta' ħġieġ minn dak lixx għal wieħed fit-tond ma kienx l-unika fattur li wassal għaż-żieda fil-volum tax-xogħlijiet. Kemm hu hekk, mill-ġabra sħiħa ta' provi jirriżulta li OGL qabdet ukoll lil Jamar biex tagħmel xogħlijiet oħrajn li ma kinux jiffurmaw parti mill-kuntratt tat-18 ta' Marzu, 2010. Fost dawn ix-xogħlijiet addizzjonali

kien hemm: (i) il-kisi ta' ħajt sħiħ b'*hollow sections* tal-*istainless steel;* u (ii) kamra bil-ħġieġ fuq il-bejt (*roof glass room*), kif ukoll it-twaħħil ta' seba' xatbiet elettroniċi fil-parkeġġ tal-istabbiliment ta' OGL (ara f'dan ir-rigward: (a) l-affidavit ta' Jason Mifsud, Dok JML01, f'paġni 69 sa 71 tal-atti tal-kawża; (b) l-affidavit u l-kontroeżami ta' Mark Mifsud f'paġni 81 u 283 tal-atti tal-kawża, rispettivament; u (ċ) Dok JM9, f'paġna 173 tal-atti tal-kawża).

68. Fil-fehma tal-Qorti, iż-żieda qawwija fil-volum tax-xogħlijiet hija fl-aħħar mill-aħħar riflessa wkoll fil-qabża kbira fil-valur tax-xogħol li twettaq minn Jamar, meta mqabbel mal-valur oriġinali tal-kuntratt tat-18 ta' Marzu, 2010. Fil-fatt, filwaqt li min-naħa 'l waħda, il-kuntratt tat-18 ta' Marzu, 2010 kien jaħseb għal xogħlijiet fil-valur totali ta' €78,797.57 (ara Dok JM1, f'paġna 165 tal-atti tal-kawża), min-naħa l-oħra, Jamar spiċċat biex wettqet xogħol b'valur ta' aktar minn mija u ħamest elef ewro (ara t-tabella f'paġna 4 tas-sentenza appellata). Iż-żieda fil-valur tax-xogħlijiet kienet għalhekk bi kważi terz, jew f'termini aktar preċiżi b'aktar minn tlieta u tletin fil-mija (33%) tal-valur oriġinali tax-xogħlijiet.

69. Żieda ta' din ix-xorta li għadha kif qiegħda tissemma hija qawwija ħafna u għalkemm huwa kollu minnu li l-ftehim tat-18 ta' Marzu, 2010 ma ġiex mibdul b'xi kitba oħra, f'ċirkostanzi bħal dawn, il-Qorti tqis li joqgħod tajjeb dak li ngħad fis-sentenza fl-ismijiet ta' ***Cuschieri Brothers***

***Aluminium Limited v. Edilsystem Sas*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Marzu, 2021, li t-terminu oriġinarjament miftiehem fil-kuntratt, ***«ma jistax raġonevolment jitqies li jibqa' jorbot wara li żdied ix-xogħol»***, u dan sewwasew għaliex dak it-terminu ***«kien biss għax-xogħlijiet oriġinarjament miftiehma.»***

70. Terġa' u tgħid, f'dan il-każ, mhux talli kien hemm żieda kbira fil-volum tax-xogħlijiet, iżda wkoll jirriżulta li Jamar tilfet ċertu ħin minħabba bosta difetti li kien hemm fil-binja ta' OGL, li fiha kellu jitwaħħal il-ħġieġ. Pereżempju mix-xhieda ta' Mark Mifsud u l-kontroeżami ta' Jason Mifsud ħareġ li waqt l-installazzjoni tal-ħġieġ kellhom isiru xi tiswijiet fl-istruttura billi rriżulta li l-livelli ta' bejn is-saqaf u l-madum ma kienx l-istess kullimkien. Anke, il-linja tonda ta' isfel tal-konkos ma kinitx taqbel ma dik ta' fuq. Ma tistax għalhekk OGL tgħid li ma jirriżulta minn imkien, x'kien ix-xogħol ta' tiswija li kellu jsir sabiex Jamar setgħet tissokta bl-installar tax-xogħlijiet tal-ħġieġ.

71. Il-Qorti ma tistax ukoll ma tikkummentax kif fir-rikors tal-appell, OGL baqgħet siekta għalkollox dwar l-osservazzjoni tal-perit tekniku li x-xogħlijiet waqgħu lura wkoll minħabba bidla li saret fl-*«established finished floor level»* tal-binja fejn kellu jitwaħħal il-ħġieġ*,* u dan <u>wara</u> li Jamar kienet diġà laħqet ħadet il-qisien. Ta' min jgħid li f'dan ir-rigward, OGL ma ressqitx xi provi rilevanti li bihom meriet dak li xehed Jason

Mifsud u sewwasew li din il-bidla ġabet magħha l-konsegwenza li kellu jinbidel it-tqassim tal-faċċata, kif ukoll kellhom jitħejjew pjanti mill-ġdid (ara l-kontroeżami ta' Jason Mifsud f'paġna 276 tal-atti tal-kawża). Fil-fehma tal-Qorti, dan is-skiet min-naħa ta' OGL dwar dan, jitkellem waħdu.

72. B'żieda ma' dan, il-Qorti jidhrilha li kemm il-perit tekniku kif ukoll l-Ewwel Qorti għamlu sewwa li ma waslux għall-konklużjoni li n-nuqqas tal-preżenza ta' Mifsud fuq il-lant tax-xogħol ma xekkilx il-pass li bihom kellhom isiru x-xogħlijiet.

73. Mill-ġabra sħiħa tal-provi jirriżulta li ma kienx xogħol Jason Mifsud li jkun preżenti fuq is-sit, u x-xogħol ta' twaħħil kien qiegħed jitmexxa minn tnejn mis-superviżuri ta' Jamar, li wieħed minnhom kien ħu Jason Mifsud stess, u li dan tal-aħħar kien involut fil-proġett sa mill-istadju bikri tiegħu (ara l-kontroeżami ta' Mark Mifsud, f'paġna 282 tal-atti tal-kawża; paragrafu 5.30 tar-rapport tal-Perit Tekniku Alan Saliba, f'paġna 150 tal-atti tal-kawża, u l-kontroeżami ta' Jason Mifsud f'paġni 276 u 277 tal-atti tal-kawża).

74. Hekk ukoll, fl-eskussjoni bil-fomm, il-Perit Tekniku Alan Saliba fisser li mil-lat tekniku, in-nuqqas ta' Mifsud minn fuq il-lant tax-xogħol ma setax xekkel ir-rata li biha kien miexi x-xogħol, u dan għaliex dawk ix-xogħlijiet kienu qegħdin jitwettqu mill-ħaddiema ta' Jamar, li ssoktaw bix-

xogħlijiet mingħajr waqfien (ara l-eskussjoni tal-Perit Tekniku Alan Saliba, f'paġna 309 tal-atti tal-kawża).

75. Barra minn hekk, u f'kull każ, mill-kopja tal-korrispondenza li għaddiet bejn Jason Mifsud u Raymond (Ramon) Micallef, jidher li Jason Mifsud kien ukoll ikun jaf x'kien għaddej, tant li jidher li kien f'qagħda li jgħarraf lil Micallef bil-progress tax-xogħlijiet, kif ukoll saħansitra anke ġera warajh fuq xi affarijiet li kienu qegħdin ixekklu l-progress tax-xogħol (ara b'eżempju Dok I, f'paġna 79 tal-atti tal-kawża, kif ukoll Dok J f'paġna 80 tal-atti tal-kawża).

76. Minn dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li l-provi li hemm fl-atti jsaħħu u mhux iwaqqgħu l-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti dwar li Jamar m'għandhiex iġġorr il-ħtija fit-twettiq tax-xogħlijiet. Kif rajna, kemm mill-ġabra sħiħa ta' provi, kif ukoll mill-konklużjonijiet tal-Perit Tekniku Alan Saliba jirriżulta li għejun ewlieni tad-dewmien kienet iż-żieda sostanzjali fix-xogħlijiet.

77. Fil-fehma tal-Qorti, ir-responsabbiltà għaż-żieda fix-xogħlijiet ma tista' terfagħha ħadd ħlief OGL stess, u f'ċirkostanzi ta' din ix-xorta jgħodd tajjeb għal dan il-każ, dak li ngħad fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Pierre Abela v. Joseph Depares*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2007, u sewwasew li: *«**Parti fuq ftehim ma jistax jinsisti fuq il-***

***ħlas ta' penali miftiehem għall-każ ta' dewmien, meta kien hu stess li ta' lok għal dak id-dewmien.»***

78. L-Ewwel Qorti għamlet għalhekk sewwa li ċaħdet għalkollox il-kontrotalba ta' OGL, u għal dawn ir-raġunijiet kollha, it-tieni aggravju tal-appell ewlieni qiegħed jiġi miċħud.

79. Ngħaddu issa għall-**appell inċidentali**. Fl-**ewwel aggravju** tiegħu, Jamar qiegħda tressaq għadd ta' raġunijiet biex tfisser għalfejn, fil-fehma tagħha, l-Ewwel Qorti kellha tikkundanna lil OGL tħallasha ammont akbar minn dak ta' €17,136.12.

80. F'dan ir-rigward, Jamar titlaq billi tirreferi għax-xogħol fuq il-ħġieġ tal-faċċata tal-istabbiliment ta' OGL, li tirreferi għalih bħala *bended glass facade*, u targumenta li l-prezz għal dan ix-xogħol kellu jkun ta' €32,104.50, u mhux dak ta' €31,562.50. Tfisser li dan il-prezz tal-aħħar kien biss stima fuq kejl ta' mitt metru kwadru, u targumenta li kull stima li ngħatat dwar il-ħġieġ tal-faċċata ngħatat b'referenza għall-ewwel stima li kienet maħduma bir-rata għal kull mitt metru kwadru. Tagħlaq billi tgħid li l-kejl tal-faċċata kien akbar minn dak li nħadmet fuqu l-istima, u għalhekk, tgħid li ħaqqha tingħata d-differenza.

81. Tirreferi mbagħad għall-*auto closer* u *hollow sections* li twaħħlu

minnha mal-bieb prinċipali tal-binja ta' OGL, u targumenta li hija għandha titħallas għal dan ix-xogħol fl-ammonti ta' €352.93 u €998 rispettivament. Targumenta li l-periti addizzjonali żbaljaw meta waslu għall-konklużjoni li dawk l-ammonti mhumiex dovuti, u dan billi qagħdu fuq dokument maħruġ minn OGL stess. Fid-dawl ta' dan, tisħaq li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn hija m'għandhiex titħallas għal dak ix-xogħol.

82. Jamar tilmenta wkoll dwar in-nuqqas ta' kumpens għal dawk li ssejħilhom bħala *covers for facade bracets,* kif ukoll għall-*glass facade ends.* Tgħid li dan ix-xogħol kien jiswa fl-ammonti ta' €450 u €2,706 rispettivament. U fuq l-istess argument li dawk ix-xogħlijiet kienu addizzjonali u li ma kinux imniżżla fl-istima oriġinali, tippretendi li l-Ewwel Qorti kellha tikkundanna lil OGL biex tħallasha wkoll dawk l-ammonti.

83. Tissokta billi tirreferi għall-prezz tax-xogħol tal-*above door bulkhead,* u f'dan ir-rigward tilmenta li l-Ewwel Qorti tatha biss kumpens ta' €1,199, minflok il-prezz sħiħ ta' €2,398. Tisħaq li din il-*bulkhead* kienet separata minn dawk li tniżżlu fl-istima oriġinali u tfisser li b'differenza għal dawk li tniżżlu fl-istima, din kienet magħmula fit-tond, u għalhekk kienet tinvolvi aktar xogħol biex tinħadem. Tgħid li dan il-fatt tal-aħħar ġie wkoll rikonoxxut mill-periti addizzjonali fl-eskussjoni, u fid-dawl ta' dan tilmenta li minkejja dan kollu, l-Ewwel Qorti għamlet tnaqqis 'arbitrarju' fil-prezz ta' dawk il-*bulkheads*.

84. Jamar tagħlaq l-ewwel aggravju tagħha billi tirreferi għat-tnaqqis ta' €2,000 li l-Ewwel Qorti għamlet għal dak li sejħitlu bħala *barter.* Tilmenta li ma jirriżulta minn imkien li dak it-tpartit fil-fatt seħħ, u għalhekk tisħaq li dak l-ammont għadu fil-fatt dovut.

85. Fil-fehma tal-Qorti, il-parti l-kbira tal-ilmenti ta' Jamar mhumiex mistħoqqa.

86. Kif qiegħda tosserva sewwa OGL fit-tweġiba għall-appell inċidentali, fil-maġġoranza tagħhom, l-ilmenti ta' Jamar huma titnija tal-istess argumenti li diġà tressqu għall-għarbiel tal-periti addizzjonali u li diġà ġew miċħuda minnhom.

87. Pereżempju, dwar il-*covers for facade brackets* u l-*glass facade ends,* il-periti addizzjonali qablu mal-fehmiet tal-Perit Tekniku Alan Saliba li għal dawk ix-xogħlijiet Jamar ma kien ħaqqha l-ebda kumpens addizzjonali, billi s-sengħa u l-arti jitolbu li l-viti tal-*brackets* tal-istruttura jiġu mgħottija b'*covers*, u li t-truf tal-istruttura għandhom jingħalqu bi *frame* tal-*istainless steel* li jorbot il-ħġieġ mal-istruttura.

88. Il-Qorti rat ukoll li, fl-eskussjoni, kemm il-Perit Tekniku Alan Saliba kif ukoll dawk addizzjonali għamluha ċara li mingħajr il-*glass facade ends,*

li għalihom Jamar qiegħda titlob ħlas addizzjonali, il-faċċata tal-ħġieġ kienet ser tibqa' miftuħa u mhux kompluta, u għalhekk dawn kellhom bilfors jiffurmaw parti integrali mill-istruttura tal-faċċata.

89. Billi fl-istima oriġinali Jamar kienet intrabtet ma' OGL li tagħtiha faċċata bi struttura kompluta u *«finished»,* il-Qorti taqbel mal-periti tekniċi li l-prezz tal-*covers for facade brackets* u l-*glass facade ends* kien inkluż fir-rata tal-istima oriġinali tal-faċċata (ara Dok JM4, f'paġna 168 tal-atti tal-kawża). L-Ewwel Qorti għamlet għalhekk sewwa li ma tat l-ebda ammont lil Jamar dwar dawn iż-żewġ ħwejjeġ.

90. Fil-fehma tal-Qorti, l-Ewwel Qorti għamlet ukoll sewwa li ma tat l-ebda kumpens lil Jamar għall-*auto closer* u l-*hollow sections* li ntużaw għall-bieb prinċipali tal-istabbiliment ta' OGL. Fl-eskussjoni, il-periti addizzjonali fissru li bieb ta' dik il-kwalità u dak il-valur, ma setax jiffunzjona tajjeb mingħajr l-*auto closure* u l-*hollow sections* fil-ġnubijiet tiegħu, u għalhekk dehrilhom li dawk il-ħwejjeġ kienu inklużi mal-prezz oriġinali tal-bieb.

91. Huwa prinċipju magħruf sewwa li wieħed mill-obbligi ewlenin tal-appaltatur huwa li jikkonsenja biċċa xogħol li tkun tajba għall-użu li jkun maħsub mill-kommittent (ara ***Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet Pubbliċi v. Charles Azzopardi*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Ġunju,

2006). Kemm fid-dawl ta' dan il-prinċipju, kif ukoll fil-kuntest tal-fatt li skont il-periti addizzjonali, il-bieb prinċipali li ħadmet Jamar ma setax jiffunzjona sewwa mingħajr il-*hollow sections* fil-ġnub u s-sistema tal-*auto closure,* il-Qorti jidhrilha li Jamar ma setgħetx titlob lil OGL ħlas ieħor apparti minn dak tal-bieb innifsu, u dan sempliċement għaliex għamlet dak il-bieb jaħdem kif suppost.

92. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam l-ilment ta' Jamar dwar it-tnaqqis fil-prezz tal-*__above door bulkhead__*, il-Qorti tibda billi tosserva li bil-kuntrarju ta' dak li qiegħda tgħid Jamar, din il-*bulkhead* kienet lixxa u mhux fit-tond. Il-Qorti rat ukoll li r-raġuni wara t-tnaqqis fil-prezz minn €2,398.00 għal €1,199, hija dovuta għall-fatt li fl-eskussjoni tagħhom, il-periti addizzjonali wrew il-fehma li l-prezz mitlub minn Jamar għal din il-*bulkhead* kien sproprozjonat meta mqabbel mal-prezz tal-*bulkheads* li kienu fit-tond.

93. Fl-ispeċifiku, il-periti addizzjonali fissru li minħabba l-forma lixxa tagħha, il-*bulkhead* li għaliha Jamar qiegħda titlob ħlas addizzjonali, kien fiha ħafna inqas xogħol biex tinħadem meta mqabbla ma' dawk fit-tond. L-istess periti osservaw ukoll li anke fid-daqs, it-tul ta' din il-*bulkhead* kien kważi inqas bin-nofs ta' dawk li kienu fit-tond. Kien propju għal dawn ir-raġunijiet tekniċi li l-periti addizzjonali dehrilhom li Jamar kien ħaqqha biss nofs il-prezz mitlub minnha għal dik il-*bulkhead*, u sewwasew dak ta'

€1,199.

94. Huwa magħruf sewwa fil-ġurisprudenza li fejn jidħlu fehmiet ta' sura teknika r-relazzjoni tal-periti tekniċi għandha tingħata ċertu piż mill-Qorti u dan għaliex f'qasam tekniku jew speċjalizzat, l-Imħallef ma jkollux dak l-għarfien tas-suġġett jew ħila prattika biex minn rajh jasal għall-fehma li ma tkunx gwidata minn fehma teknika ta' espert fil-qasam (ara ***Simone Eve Collette Sammut et v. Adam Sammut et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2021 u ***Geswalda Caruana v. Francis Xerri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Mejju, 2014).

95. Ġaladarba f'dan il-każ il-periti tekniċi wrew li fil-fehma professjonali tagħhom, li l-prezz mitlub minn Jamar għall-*above door bulkhead* kellu jitniżżel għal €1,199, u min-naħa tagħha Jamar ma ġabet l-ebda fehma teknika oħra li waqqgħet il-fehmiet tekniċi tal-periti addizzjonali, il-Qorti jidhrilha li l-Ewwel Qorti għamlet sewwa li qagħdet fuq il-fehmiet professjonali tal-periti addizzjonali. L-ilment ta' Jamar fir-rigward tat-tnaqqis fil-prezz tal-*above door bulhead* qiegħed għalhekk jiġi wkoll miċħud.

96. Mhux l-istess jista' jingħad dwar il-fehmiet tal-periti addizzjonali u d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti sa fejn għandha x'taqsam dwar kemm kellha tkun iż-żieda fil-prezz għall-bidla minn ħġieġ lixx għal dak fit-tond (il-

<u>*bended glass facade*</u>).

97. Dwar dan, il-Qorti tosserva, li b'differenza għall-ħwejjeġ l-oħra, il-konklużjoni tal-periti addizzjonali dwar il-prezz tal-faċċata tal-ħġieġ ma kinitx imsejsa fuq xi konsiderazzjonijiet tekniċi jew għarfien partikolari li ġġib magħha s-sengħa ta' perit, iżda ssejset fuq apprezzament ta' fatt, jew aħjar interpretazzjoni ta' *email* tat-13 ta' April 2010, u li fiha, ir-rappreżentant ta' Jamar bagħat jgħarraf lil OGL li *«The Price for the bended Gass will be €3,496.00 above the original quote»* (ara Dok MV1, f'paġna 242 tal-atti tal-kawża).

98. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-*email* tat-13 ta' April, 2010, li straħu fuqha l-periti addizzjonali kellha tiġi moqrija fil-kuntest sħiħ li fih din intbgħatet u ma setgħetx raġonevolment tiġi mfissra fis-sens li ż-żieda fil-prezz għall-ħġieġ tond kienet ser tkun bir-rata fissa (*lump sum*) ta' €3,496.00.

99. Kemm kif qiegħda tgħid sewwa Jamar, kif ukoll kif osserva tajjeb il-Perit Tekniku Alan Saliba, il-prezz fl-istima oriġinali ma kienx wieħed fiss iżda kien ibbażat fuq rata għal mitt metru kwadru. Fil-fehma tal-Qorti dan il-fatt innifsu kellu diġà jagħti ħjiel li l-prezz kien qiegħed jiġi stmat fuq ir-rata ta' mitt metru kwadru, u ma kienx xi prezz fiss.

100. Aktar importanti minn hekk, minn ħarsa lejn stima li nħarġet minn

Jamar fil-jum tal-1 ta' April, 2010, u li s-suġġett tagħha huwa *«Glass Bended Curtain Wall»* jirriżulta li Jamar kienet fissret iż-żieda fil-prezz bil-mod kif ġej: *«**<u>Additional 100SM</u> Bended Clear Glass Tempered 8+16argon + 8 mm – All for € 3,496.00c Excl Vat Including Installation**»* (ara Dok B, f'paġna 72 tal-atti tal-kawża). Jekk dan ma kienx biżżejjed, fil-parti t'isfel ta' dik l-istess stima, Jamar imbagħad żiedet dan il-kliem *«**INFO: The above quote is based on 100Sm**»* (erġa' ara Dok B, f'paġna 72 tal-atti tal-kawża).

101. Fis-sewwa, il-prezz imniżżel fl-istima li għadha kif issir referenza għaliha jaqbel bl-eżatt ma' dak li tniżżel fl-*email,* li straħu fuqha l-periti addizzjonali, u fid-dawl tal-osservazzjonijiet li għadhom kif isiru, il-Qorti taqbel kemm ma' Jamar, kif ukoll mal-fehmiet tal-Perit Tekniku Alan Saliba, li l-prezz addizzjonali għall-ħġieġ fit-tond kien stmat bir-rata għal kull mitt metru kwadru, u mhux bi prezz fiss bħalma qalu ħażin il-periti addizzjonali, u qiegħda tippretendi OGL.

102. F'ċirkostanzi bħal dawn, u ġaladarba bħala stat ta' fatt lanqas ma huwa kontestat li x-xogħol fuq il-faċċata tal-istabbiliment ta' OGL sar fuq medda ta' 115.5 metru kwadru, il-Qorti hija tal-fehma li flimkien mal-ammont likwidat mill-Ewwel Qorti għandha tiżdied is-somma ta' €<u>633.02</u>. Din is-somma tal-aħħar tirrifletti ż-żieda netta fl-ammont ta' €541.88 (€34.96 x 15.5$m^2$ = €541.88), flimkien maż-żieda tat-taxxa fuq il-valur

miżjud (€541.88 x 1.18% = €639.42), u t-tnaqqis tal-iskont ta' wieħed fil-mija (1%) li qablu dwaru l-partijiet fil-kuntratt tat-18 ta' Marzu, 2010 (€639.42 x 0.99 = €633.02).

103. B'żieda ma' dan, il-Qorti hija wkoll tal-fehma li Jamar għandha wkoll raġun fl-ilment tagħha li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tnaqqsilha elfejn ewro (€2,000) mill-ammonti li għandha titħallas minn OGL.

104. Għalkemm huwa kollu minnu li fil-kuntratt tat-18 ta' Marzu, 2010, il-partijiet qablu bejniethom li parti mill-ħlas fl-ammont ta' elfejn ewro kellha ssir bi ħlas ta' xogħol, (ara r-raba' paragrafu ta' Dok Ċ, f'paġna 13 tal-atti tal-kawża), mill-banda l-oħra Jamar għandha raġun meta qiegħda tgħid li mill-atti tal-kawża ma jirriżultax li dak il-ħlas qatt sar. Fis-sewwa kien jaqa' fuq spallejn OGL li tipprova li hija wettqet dak il-ħlas b'xogħol mogħti minnha, u fin-nuqqas ta' prova bħal dik, il-Qorti jidhrilha li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tnaqqas elfejn ewro mis-somma li hija dovuta lil Jamar.

105. Biex ikun ingħad kollox, il-Qorti lanqas ma taqbel ma' OGL meta qiegħda targumenta li dan l-aħħar ilment ta' Jamar jirrappreżenta kontestazzjoni ġdida li ma setax jitqajjem fl-istadju tal-appell. L-ilment ta' Jamar huwa fuq punt li ġie deċiż fis-sentenza appellata, u f'ċirkostanzi bħal dawn, Jamar kellha kull jedd li tressaq appell minn dik il-parti tad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti.

106. L-ewwel aggravju tal-appell inċidentali ser ikun għalhekk qiegħed jiġi milqugħ biss f'biċċa minnu, u fid-dawl ta' dan il-Qorti ser tkun qiegħda żżid l-ammont likwidat mill-Ewwel Qorti b'**<u>€2,633.02</u>** (€633.02 + €2,000).

107. Jifdal biss it-**<u>tieni aggravju tal-appell inċidentali</u>**, li huwa dwar id-data li minnha għandhom jibdew jgħaddu l-interessi fuq is-somma li hija dovuta minn OGL lil Jamar.

108. L-ilment ta' Jamar huwa fis-sens li l-imgħaxijiet ma kellhomx jibdew jgħaddu mid-data tas-sentenza appellata bħalma ddeċidiet ħażin l-Ewwel Qorti, iżda mill-jum tal-20 ta' Marzu, 2011. Jamar qiegħda tibni dan l-ilment fuq l-argument li l-obbligazzjoni mertu tal-kawża hija waħda ta' sura kummerċjali u minħabba f'hekk l-imgħax kellu jibda jgħaddi bil-mod ta' kif inhu mniżżel fl-**Artikolu 1141(1) tal-Kodiċi Ċivili**. Tisħaq li hija sejħet lil Jamar biex tħallasha permezz ta' rendikont tal-20 ta' Marzu, 2011, u fid-dawl ta' dan tirraġuna li l-imgħaxijiet kellhom jibdew jgħaddu minn dak il-jum.

109. Jamar tagħlaq imbagħad billi tgħid li fl-agħar xenarju għaliha l-imgħaxijiet kellhom minn tal-inqas jibdew jgħaddu mid-data li fiha ressqet il-kawża u dan għaliex it-talbiet tagħha jirreferu għal somma fissa.

110. Fuq ix-xaqliba l-oħra, OGL tilqa’ għal dan l-aggravju billi tisħaq li l-imgħax m’għandux jibda jgħaddi qabel id-data tas-sentenza appellata u tinsisti li ċ-ċirkostanzi tal-każ jitolbu t-tħaddim tal-prinċipju ta’ *in illiquidis non fit mora.* Tfisser li minkejja li Jamar talbet ammont fiss, l-ammont ma kienx wieħed ċert u lanqas likwidu. Iżżid li fuq kollox, l-ammont ma kienx xi wieħed faċilment determinabbli, tant li sabiex ġie magħruf, il-Qorti kellha tqabbad perit tekniku, u warajh kellhom saħansitra jitqabbdu periti addizzjonali.

111. Fil-fehma tal-Qorti l-aggravju ta’ Jamar huwa mistħoqq.

112. Għalkemm huwa kollu minnu li l-ammont likwidat mill-Ewwel Qorti huwa anqas minn dak li ntalab fir-rikors maħluf, fl-istess waqt, qajla għandu jkun hemm xi dubju li l-obbligazzjoni li tagħha Jamar qiegħda titlob il-ħlas, hija waħda ta’ sura kummerċjali, li għaliha għandu japplika għaliha bis-sħiħ l-**Artikolu 1141(1) tal-Kodiċi Ċivili** (ara f’dan is-sens ***Av. Joseph Camilleri noe v. Josies Bathroom Centre Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta’ Frar, 2022).

113. Kif qiegħda tgħid sew Jamar, it-tħaddim tal-**Artikolu 1141(1) tal-Kodiċi Ċivili** jġib miegħu l-konsegwenza li l-imgħax għandu jibda miexi b’seħħ minn dak il-jum li fih l-obbligazzjoni kellha tiġi mwettqa.

114. F'dan il-każ, il-kuntratt ta' appalt tat-18 ta' Marzu, 2010, jispeċifika li l-bilanċ tal-prezz tax-xogħlijiet kellu jitħallas *«on final completion»* (ara paragrafu 4 ta' Dok Ċ, f'paġna 13 tal-atti tal-kawża), u għalhekk teknikament il-ħlas sar dovut minn meta Jamar lestiet ix-xogħol kollu u ġie likwidat il-valur ta' dawk ix-xogħlijiet.

115. Minn ħarsa lejn l-atti tal-kawża jidher li Jamar lestiet ix-xogħlijiet kollha sal-4 ta' Diċembru 2010 (ara r-rendikont ta' Jamar tat-30 ta' Settembru, 2011, f'paġna 174 tal-atti tal-kawża), u mir-rendikont li qiegħda tirreferi għalih Jamar fir-rikors tal-appell (Dok JM9, f'paġna 173 tal-atti tal-kawża), jirriżulta li l-valur tax-xogħol tal-appalt kien likwidat minn tal-inqas fl-20 ta' Marzu, 2011.

116. Sfiq ma' dan, il-Qorti hija wkoll tal-fehma li f'dan il-każ m'hemmx lok għat-tħaddim tal-prinċipju ta' *in illiquidis non fit mora.*

117. L-ewwel nett, u kif ingħad f'għadd kbir ta' sentenzi oħra, il-prinċipju ta' *in illiquidis non fit mora* m'għandux ġeneralment isib applikazzjoni f'każijiet bħal dak tal-lum li fih l-attur ikun qiegħed jitlob il-ħlas ta' somma determinata, u dan anke jekk il-Qorti tikkundanna lill-imħarrek biex iħallas ammont li huwa inqas minn dak oriġinarjament imfittex mill-attur (ara b'eżempju ***Guillaumier Industries Limited v. Taormina Holdings Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Mejju, 2017 u ***Lawrence Magro v. Angela Busuttil*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ġunju,

2008).

118. Aktar importanti minn hekk, il-Qorti rat li f'dan il-każ, ir-raġuni għalfejn OGL ma ħallsitx lil Jamar ma kinitx għaliex hija ma kinitx taf kemm kellha tagħti lil Jamar, iżda għaliex hija dehrilha li ma kien fadlilha tagħti xejn aktar lil Jamar, għar-raġunijiet imsemmija minnha fl-ittra legali tal-24 ta' Ġunju 2011 (ara t-tieni eċċezzjoni tat-tweġiba maħlufa ta' OGL u Dok B, f'paġna 11 tal-atti tal-kawża). Il-maġġoranza assoluta ta' dawk ir-raġunijiet ma rriżultawx li kienu mistħoqqa, u fiċ-ċirkostanzi, OGL ma tistax tippretendi li damet daqshekk snin taħdem bi flejjes Jamar, mingħajr ma tagħmel tajjeb għal dan.

119. Wara kollox huwa għalhekk li jitħallsu l-imgħaxijiet, u dan biex ipattu għall-fatt li parti tkun żammet għaliha u nqdiet bi flus li fis-sewwa kellu jgawdihom u jinqeda bihom ħaddieħor (ara f'dan is-sens l-**Artikolu 1047(1) tal-Kodiċi Ċivili**, kif ukoll is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Simon Debono et v. Viaggo Facile s.r.l. et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2022).

120. It-tieni aggravju tal-appell inċidentali ser jiġi milqugħ u l-Qorti ser tkun qiegħda tikkundanna lil OGL sabiex tħallas l-imgħaxijiet fuq is-somma li għandha tagħti lil Jamar mid-data tal-20 ta' Marzu, 2011.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda fl-ewwel

lok, **tiċħad** l-appell ewlieni ta' Office Group Limited, u fit-tieni lok, qiegħda **tilqa f'parti minnu** l-appell inċidentali ta' Jamar Malta Limited, b'dan illi qiegħda tirriforma s-sentenza appellata billi minflok l-ammont ta' €17,136.12 bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza appellata sad-data tal-ħlas effettiv, din il-Qorti qiegħda tillikwida l-ammont dovut minn Office Group Limited lil Jamar Malta Limited fis-somma ta' €19,769.14, bl-imgħax legali mid-data tal-20 ta' Marzu 2011, sakemm isir il-ħlas kollu.

Mill-bqija s-sentenza appellata għandha tibqa' kif inhi, anke fejn għandu x'jaqsam mal-ispejjeż ġudizzjarji.

Fl-aħħar nett, u billi l-appell ewlieni ta' Office Group Limited ġie miċħud għalkollox, filwaqt li l-appell inċidentali ta' Jamar Malta Limited ġie milqugħ f'aktar minn nofsu, il-Qorti qiegħda tikkundanna lil Office Group Limited sabiex tħallas l-ispejjeż kollha tal-appell ewlieni tagħha, kif ukoll tħallas tliet kwarti tal-ispejjeż tal-appell inċidentali ta' Jamar Malta Limited. Il-kwart li jifdal mill-ispejjeż tal-appell inċidentali għandhom jitħallsu minn Jamar Malta Limited.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm